## Messaġġ mill-Ministru Provinċjal



### Patri Pawl Galea OFM

# L-Attwalità tas-Sena 1881

Bħala Komunità Nisranija, il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, din is-sena qed tfakkar tliet mumenti importanti fl-istorja u l-ħajja tagħha. Qed tfakkar is-sena 1881, is-sena li matulha nfetħet il-knisja, waslet l-istatwa titulari u waslu l-Patrijiet Franġiskani. Bir-raġun kollu l-parroċċa tiċċelebra biex tfakkar is-sena 1881, sena li bil-fatti li seħħew, turi kemm f'dawn l-inħawi ta' Tas-Sliema minn dejjem kien hawn komunità kollha ħeġġa għall-ħajja Nisranija u għal qima lejn Omm Alla. Hija ħaġa xierqa u ta' ġid li nfakkru s-sena 1881, għax hija sena li lilna għandha għax tħeġġiġna għas-snin li ġejjin.

Is-sena 1881 tixhed kemm in-nies ta' dak iż-żmien apprezzaw il-preżenza u l-ħidma tas-saċerdot twajjeb u qaddis, Dun Pawl Vella li f'qasir żmien bena knisja ġdida u ta bidu għal devozzjoni ġdida lejn Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesù. Żgur li kienet l-imħabba marjana tal-poplu Slimiż li wasslet lil Dun Pawl Vella biex mal-ewwel jaħseb jordna statwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, għand l-Istatwarju Ġlormu Darmanin. Hadt imma m'għandu dubju li Ġlormu Darmanin tana statwa li tisraqlek qalbek int u tħares lejha. Statwa li tixhed il-misteru tar-rabta l-aktar qaddisa u intima bejn Marija u l-qalb ta' binha Ġesù.

Is-sena 1881, tixhed il-veru spirtu pastorali li kellu Dun Pawl Vella u l-veru spirtu Franġiskan ta' Patri Tonin Cesal OFM. Wara t-taħbit kollu tal-bini tal-knisja, Dun Pawl beda jħoss li saħħtu marret lura. Ta' saċerdot twajjeb li kien beda jħoss li saħħtu mhix se tħallih ikompli jaqdi d-dmirijiet pastorali u għalhekk beda jaħseb f'min jista' jkompli din il-ħidma pastorali. Bħala membru fi ħdan l-Ordni Franġiskan Sekular. Dun Pawl kellu kuntatti mal-Patrijiet Franġiskani tal-knisja Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt. Donnu kien pjan ta' Alla, li f'dawk iż-żminijiet, bħala Kustodju li jmexxi lill-patrijiet, kien hemm P. Tonin Cesal, bniedem kollu ħerqa għal ġid ta' ħutu l-patrijiet, bniedem ta' spirtu Franġiskan, bniedem ta' viżjoni u ta' kuraġġ għal quddiem. Il-veru spirtu pastorali u l-veru spirtu Franġiskan kienu l-kawża li l-Patrijiet Franġiskani ħadu t-tmexxija tal-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

Għaddew 125 sena u dak kollu li twettaq tul dawn is-snin kollha huwa frott ta' ħeġġa għal ħajja nisranija, ta' devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor, u ta' spirtu Franġiskan. Fuq dawn it-tliet pedamenti li l-parroċċa tagħna kompliet il-missjoni tagħha sal-ġurnata tal-lum. Jalla ċ-ċelebrazzjonijiet ta' din is-sena, filwaqt li jfakkruna f'dak kollu li għaddew u wettqu ta' qabilna, lilna lkoll iħeġġuna biex ma nitbegħdux mill-veru skop tal-ħajja parrokkjali, mill-vera devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor u mill-veru spirtu Franġiskan. Iż-żminijiet tal-lum qed jagħmluhielna diffiċli biex nibqgħu marbutin ma' dawn it-tliet pedamenti. Għalhekk tkun ħaġa tajba li kull ċelebrazzjoni ta' matul din is-sena għandha tkun talba għal għajnuna mingħand Alla Missierna biex inkomplu naħdmu flimkien u naġġornaw ruħna kontinwament ħalli lil ta' warajna nħallulhom parroċċa li tgħix il-fidi, mibnija fuq it-tliet pedamenti ta' ħidma pastorali, ta' devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor u tal-karizma Franġiskana.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem tiegħu u l-festa t-tajba lil kulħadd.

**Oratorju Madonna tas-Sacro Cuor**
**Nhar l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2006 fis-7.30pm**
**fil-knisja parrokkjali**